# Arti fil-fidda fil-Knisja Parrokkjali ta' Sannat 1688-1899

M'humiex abbundanti l-oggetti tal-fidda li nsibu fil-knisja parrokkjali ta' Sannat izda dawk li hemm ghandhom valur kemm storiku kif ukoll artistiku. Se nkopru biss l-perjodu mit-twaqqif tal-parrocca fl-1688 sat-tmiem tas-seklu 19, ghalkemm dan ma' jfissirx li m'hemmx ohrajn li saru fis-seklu 20. Sa fejn huwa possibbli, f'dan l-artiklu se nippruvaw naghtu taghrif dwar dawn l-oggetti bhal: f'liema zmien saru, min kienu l-argentiera li hadmuhom, min kienu l-benefatturi taghhom, u xi taghrif iehor relevanti li nistghu nakkwistaw. Dan it-taghrif kollu ser nippruvaw nehduh mhux minn arkivji izda minn dak li jipprovdulna l-oggetti nfushom, i.e. minn skrizzjonijiet fuqhom, xi drabi minn elementi stilistici, u essenzjalment mill-marki li nsibu fuq dawn l-istess oggetti u li, sfortunatament, mhux dejjem ikunu identifikabbli (jew inkella jkunu parzjalment identifikabbli), jew, ghalkemm identifikabbli, ma' jkunux maghrufa u gieli lanqas dokumentati.

### Marki fuq il-fidda

Barra skrizzjonijiet fuq l-oggetti tal-fidda u li dawn generalment ikunu jindikaw il-benefattur tal-oggett, niltaqghu wkoll ma' marki ttimbrati fuq l-istess oggett tal-fidda.

Fuq kull oggett tal-fidda, anzi fuq kull parti tal-istess oggett li tkun mahduma separatament jekk ikun il-kaz, wiehed dejjem ghandu jsib marka - u kultant izjed minn wahda wkoll - maghmula mill-konslu. Din il-marka generalment kienet tinbidel kull meta kien jinbidel il-granmastru jew il-gvernatur (fi zmien l-Inglizi) u ghadha tinbidel perjodikament sal-lum. Il-konslu huwa ufficjal tal-gvern inkarigat biex jezamina l-oggetti tad-deheb u l-fidda mhux biss ghal dik li hi genwinita' izda wkoll ghall-grad ta' purezza tad-deheb jew tal-fidda. Ghalhekk, il-marka tal-konslu hija l-marka ufficcjali jew ic-certifikat li juri li l-oggett huwa verament tal-fidda jew tad-deheb skond il-kaz.

Barra minn hekk u bosta drabi, l-istess marka tal-konslu tindika wkoll il-grad ta' purezza tal-fidda jew inkella kien izid marka ohra ghal dan il-ghan. Hekk naraw li sal-1775, il-konsli li servew taht granmastri differenti kienu juzaw marka ohra separata biex jindikaw il-grad ta' purezza tal-fidda. Din il-marka kienet tkun tikkonsisti f'arrangament ta' erba', hames, jew sitt bocci zghar flimkien qishom bhal f'bocca wahda ikbar; bil-marka li tikkonsisti f'sitt
bocci tindika l-oghla grad ta' purezza filwaqt li dik li tikkonsisti f'erbgha tindika l-izghar grad. Mal-hatra tal-granmastru Emmanuel de Rohan (1775-1797) gew introdotti tlitt marki
godda minflok l-arrangament ta' bocci zghar. Dawn il-marki kienu jikkonsistu fl-ittri kbar F, R, jew M, u dejjem b'kuruna maghluqa jew sovrana / rjali fuq l-ittra li tkun. L-ittra F kienet tfisser fidda ta' standard Franciz u kienet tindika l-oghla grad ta' purezza; l-ittra R kienet tfisser fidda ta' standard Ruman u kienet tindika grad medju ta' purezza; filwaqt li l-ittra M kienet tfisser fidda ta' standard Malti u kienet tindika l-izghar grad ta'

purezza. Dawn il-marki baqghu jintuzaw anke fil-bidu tal-perjodu Ngliz matul l-ewwel nofs tas-seklu 19 izda billi, kuntrarjament ghall-granmastru tal-Ordni ta' San Gwann, il-gvernatur Ingliz ma' kienx hu nnifsu s-sovran tal-gzejjer Maltin (izda kien biss ir-rapprezentant tas-
sovran li issa fil-kaz taghna kien ir-re tal-Ingilterra), il-kuruna maghluqa jew sovrana / rjali
ma' baqghetx tidher fuq l-ittri F, R, u M.

Naturalment, qabel ma' l-konslu kien jaghmel il-marka / marki tieghu li jindikaw il-genwinita' u l-grad ta' purezza, kien irid jezamina l-istess oggett, jew kull parti separata tieghu jekk ikun il-kaz. Ghal dan il-ghan, huwa kien jaghmel barxa f'ghamla ta' zig-zag fuq l-oggett (jew il-parti separata tieghu) li jkun qieghed jezamina. B'hekk, huwa kien jaccerta ruhu li l-oggett huwa verament tal-fidda u skond ir-rizultati miksuba, huwa kien jittimbra l-marka / marki tieghu fuq l-oggett.

Izda dawk tal-konslu m'humiex l-unici marki li wiehed isib ittimbrati fiq oggett tal-fidda. Normalment, wiehed isib ukoll il-marka personali tal-argentier li jkun hadem l-oggett. Generalment, din il-marka tkun tikkonsisti fl-ittri inizjali tal-isem u l-kunjom tieghu jew xi ittri relatati mieghu. F'kazijiet inqas komuni, il-marka tkun tikkonsisti f'simbolu assocjat mal-argentier, jew inkella f'simbolu kumbinat ma' ittri lkoll relatati jew assocjati mal-argentier. Xi drabi wkoll, argentier ikollu iktar minn marka personali wahda jew varjazzjonijiet tal-istess marka.

Fuq oggetti tal-fidda mahdumin fil-perjodu Ngliz, wiehed gieli jiltaqa' wkoll ma' sena ttimbrata fuq l-oggett (jew fuq il-partijiet separati tieghu). Gieli kien jaghti l-kaz (matul il-
perjodu Ngliz) li, flok il-marka personali tieghu, argentier kien jittimbra s-sena li fiha nghata
l-licenzja biex jahdem bhala argentier. Izda meta minbarra s-sena, jkun hemm ittimbrata wkoll il-marka personali tal-argentier, dik is-sena allura aktarx tkun is-sena li fiha nhadem l-
oggett.

**Oggetti tal-fidda fil-knisja parrokkjali ta' Sannat**

Filwaqt li, sa fejn hu possibbli, ser nimxu f'ordni kronologiku, m'ahniex ser insemmu l-oggetti kolla mahdumin fil-fidda anke jekk huma tal-perjodu 1688-1899 li se nkopru. Ir-raguni principali hija li hemm diversi minn dawn l-oggetti li l-marki li hemm ttimbrati fuqhom m'humiex identifikabbli jew inkella huma identifikabbli ftit wisq biex tiehu taghrif cert minnhom. Imbaghad hemm ohrajn li, sfortunatament, il-marki (jew xi whud minnhom)
li kien hemm ittimbrati fuqhom tghattew, gew eradikati, jew intilfu ghal kollox matul interventi li minn zmien ghal zmien gieli saru fuq dawn l-oggetti.

L-eqdem oggetti tal-fidda li ghandha l-knisja parrokkjali ta' Sannat jidher li huma pissidi zghir u vazett taz-zejt tal-Grizma tal-Morda. Mad-dawra fil-qiegh tal-bazijiet rispettivi taghhom nsibu mnaqqxa l-kitba: *GIOVANNE GORGION 1689*. In-nobbli Giovanni Gorgion, segretarju tal-granmastru Adrien de Wignacourt (1690-1697) u ghal xi zmien

anke tal-granmastru Ramon Perellos (1697-1720), kif ukoll *Capitano della Verga* u kap tal-*Universitas* t'Ghawdex, u benefattur ta' xi whud fost l-ewlenin parrocci t'Ghawdex, irregala dawn l-oggetti lill-parrocca gdida ta' Sannat fl-1689: is-sena li fiha bdiet tiffunzjona bhala tali l-parrocca l-gdida wara l-approvazzjoni minn Ruma. Marki ttimbrati fuq dawn l-oggetti ma' jidhirx li hemm.

Xi zmien wara, l-knisja parrokkjali kellha wkoll censier sabih tal-fidda (komplut bin-navetta tal-fidda wkoll) li llum generalment jintuza biss fl-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja ghall-incensar tas-slaleb tal-konsagrazzjoni. Il-marki li nsibu fuq dan ic-censier u n-navetta tieghu huma dawk tal-konslu: salib bi tmien ponot tal-kavallieri ta' San Gwann b'kuruna fuqu u l-ittri kbar MA tahtu, kif ukoll arrangament ta' bocci zghar li n-numru taghhom mhux identifikabbli. Dawn il-marki kienu jintuzaw qabel l-1775. Li c-censier u n-navetta saru qabel din is-sena hu kkonfermat ukoll stilistikament, u principalment a bazi tal-finiment li nsibu kemm fuq l-ghatu tac-censier kif ukoll fuq in-navetta. Ghalkemm mhux maghruf min kien l-argentier li hadem dan ic-censier u n-navetta tieghu peress li marki ohra ma' jidhrux, ta' min jghid li l-finiment li semmejna huwa generalment karatteristika ta' xoghol (fil-fidda) Malti.

L-istess marki li jidhru fuq dan ic-censier u n-navetta tieghu, nsibuhom ukoll fuq xi oggetti ohra fosthom is-salib tal-istendard tal-fratellanza tar-Ruzarju. Il-marka li tikkonsisti f'arrangament ta' bocci zghar ma' tantx hi cara, pero' l-arrangament jidher li fih hamsa jew sitta. Il-marka l-ohra fuq dan is-salib hi dik tal-argentier u tikkonsisti fl-ittri kbar GM b'dik li aktarx hi *fleur-de-lys* fuqhom. Pero' mhux maghruf ta' liema argentier hi din il-marka. Ghalhekk, li nistghu nghidu biss hu li dan is-salib sar qabel l-1775. Madwar il-balla tas-salib nsibu wkoll ix-xbihat ta' Santa Margerita, tal-Madonna tar-Ruzarju, u tal-isfera li fiha tinzamm l-Ewkaristija u li allura hi simbolu tal-istess Ewkaristija.

Il-marki li semmejna iktar qabel, jigifieri dawk li jidhru fuq ic-censier u n-navetta li dwarhom konna tkellimna, jidhru wkoll fuq xi lampieri, fosthom il-lampier tal-artal tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Gesu'. Il-marka li tikkonsisti f'arrangament ta' bocci zghar ma' tantx hi cara, pero' l-arrangament jidher li fih erbgha jew hamsa. Marka ohra tikkonsisti fl-ittri kbar MS b'bocca zghira bejniethom. Din il-marka aktarx hi tal-argentier Mario (Maruzzo) Schembri li kien ha l-licenzja t'argentier fl-1763. Il-marki li jidhru fuq il-kappell u fuq il-ktajjen huma t'argentier iehor u ta' perjodu posterjuri minhabba li dawn (i.e. il-kappell u l-ktajjen) huma fil-fatt ta' lampier differenti: dak tal-artal ta' San Pawl. Minn kitba li tidher fuq il-lampier, dan kien sar fl-1764 u jidher li gie mhallas minn Grezia Baiada u Domenico Baiada. Tidher ukoll ix-xbieha tal-Madonna tar-Ruzarju.

L-istess marki ta' dan il-lampier jidhru wkoll fuq il-kappell tal-lampier tal-artal ta' San Guzepp li, minn kitba li tidher fuqu (i.e. fuq il-lampier), kien sar fl-1763 u jidher li gie mhallas minn Patist Pac(e) u Vangelista Pac(e). Tidher ukoll fuqu x-xbieha ta' Santa

Margerita. Marki ohrajn jidhru wkoll fuq il-lampier innifsu, izda dawn m'humiex identifikabbli. L-istess marki li jidhru fuq il-kappell, fejn l-arrangament ta' bocci zghar jidher li jikkonsisti f'hamsa, jidhru wkoll fuq il-ktajjen bid-differenza li hawnhekk il-marka personali tal-argentier tikkonsisti fl-ittri kbar PA. Mhux maghruf ta' liema argentier hi din il-marka.

L-istess marki, nkluza l-marka li tikkonsisti fl-ittri kbar PA, jidhru wkoll fuq il-kappell tal-lampier ta' San Pawl (originarjament, tal-lampier tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Gesu') u fuq il-ktajjen tal-lampier li jintrama' f'nofs il-knisja quddiem is-Santissimu Sagrament matul is-sena. Aktarx li, originarjament, dawn il-ktajjen kienu tal-lampier tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Gesu', peress li l-lampier nnifsu tas-Sagrament (ta' matul is-sena) u l-kappell tieghu ghandhom il-marki t'argentier iehor u ta' perjodu posterjuri.

Lampier iehor li sar qabel l-1775 huwa dak li jintrama' f'nofs il-knisja quddiem is-Santissimu Sagrament fil-festa titulari. Minn kitba li nsibu fuq dan il-lampier, nafu li dan kien sar fl-1768, fejn parti mill-ispejjes jidher li thallsu minn Patist Pac(e) (aktarx huwa l-istess Patist Pac(e) li, flimkien ma' Vangelista Pac(e), kien hallas il-lampier tal-artal ta' San Guzepp), ibnu Tomas Pac(e), u Dominicus Baiada (aktarx huwa l-istess Domenico Baiada li, flimkien ma' Grezia Baiada, kien hallas il-lampier tal-artal tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Gesu'), filwaqt li l-kumplament tal-ispejjes jidher li thallsu mill-poplu ta' Sannat. Fuq il-lampier jidhru wkoll ix-xbihat ta' Santa Margerita u tal-isfera li fiha tinzamm l-Ewkaristija u li allura hi simbolu tal-istess Ewkaristija. Kemm fuq il-lampier innifsu kif ukoll fuq il-ktajjen tieghu, nsibu l-marka li tikkonsisti f'salib bi tmien ponot tal-kavallieri ta' San Gwann bl-ittri kbar MA tahtu u kuruna fuqu, ghalkemm il-kuruna gieli wkoll ma' tidhirx, filwaqt li kemm fuq il-kappell kif ukoll fuq il-ktajjen tieghu, nsibu l-marka personali tal-argentier li tikkonsisti fl-ittri kbar LF b'bocca zghira bejniethom. Mhux maghruf ta' liema argentier hi din il-marka.

Lampier iehor li huwa wkoll jintrama' f'nofs il-knisja quddiem is-Santissimu Sagrament izda matul is-sena, huwa dak li, kif nafu minn kitba li nsibu fuqu, kien sar fl-1781, fejn parti mill-ispejjes jidher li thallsu minn Domenico Baiada (aktarx huwa l-istess Domenico Baiada li, flimkien ma' Grezia Baiada, kien hallas il-lampier tal-artal tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Gesu' u li, flimkien ma' Patist Pac(e), ibnu Tomas Pac(e), u l-poplu ta' Sannat, kien hallas ukoll il-lampier li jintrama' f'nofs il-knisja fil-festa titulari) u l-kumplament jidher li thallsu mill-poplu ta' Sannat. Fuq il-lampier tidher ukoll xbieha ta' ruh tissaffa fin-nar tal-Purgatorju. Fost il-marki li nsibu ttimbrati kemm fuq il-lampier innifsu kif ukoll fuq il-kappell tieghu, hemm zewg marki tal-konslu tal-perjodu: 1775-1797; it-tnejn bil-kuruna maghluqa jew sovrana / rjali fuqhom, fejn wahda minnhom tikkonsisti (minbarra l-kuruna) fl-ittra kbira R u l-ohra (b'kuruna fuqha wkoll) f'ghamla ta' maqrut (*lozenge*). Imbaghad hemm ukoll il-marka personali tal-argentier li tikkonsisti fl-ittri kbar PM b'bocca zghira bejniethom u ohra tahthom u *fleur-de-lys* fuqhom. Din il-marka hi tal-argentier Pietro Migliano li kien ha l-licenzja t'argentier fl-1779. Dawn l-istess marki jidhru wkoll fuq il-ktajjen tal-lampier ta' San Pawl li kien sar minn argentier iehor u f'perjodu posterjuri. Ghalhekk, jidher car li, originarjament, dawn il-ktajjen kienu tal-lampier li matul is-sena jkun f'nofs il-knisja.

Kalci mzejjen b'disinji vegetali fi stil barokk ukoll igib l-istess marki ta' dan il-lampier,

hlief ghal dik tal-argentier. Il-marka personali tal-argentier fuq dan il-kalci tikkonsisti fl-ittri kbar FA b'bocca zghira bejniethom u *fleur-de-lys* fuqhom. Din il-marka jista' jkun li hija tal-argentier Francesco Arnaud li kien beda l-karriera tieghu bhala argentier fl-1777. Dan il-kalci jista' jkun li huwa l-istess wiehed li kien sar fi zmien Dun Gamri Vella, l-Prokuratur tal-*Veneranda Lampada,* u li kien gie jiswa 52 skut u 3 habbiet (ara BEZZINA 1989:297).

Fi zmien Dun Gamri Vella wkoll kienet saret l-isfera tas-Santissimu Sagrament li tintuza fil-Kwaranturi u fil-festa titulari u li kienet saret fl-1797 ghas-somma ta' 360 skut u rbighajn (ara BEZZINA 1989: 296). Il-marka personali tal-argentier li tidher fuq din l-isfera aktarx hija bhal dik li tidher fuq il-kalci li ghadna kif semmejna, u jekk huwa hekk, allura anke l-isfera hija xoghol tal-istess argentier li hadem dan il-kalci. Din il-marka (fuq l-isfera) tikkonsisti zgur fl-ittri kbar FA, izda l-kumplament ma' tantx hu car. Fuq din l-istess sfera tidher ukoll marka tal-konslu tal-perjodu: 1775-1797 u tikkonsisti fl-ittra kbira R b'kuruna maghluqa jew sovrana / rjali fuqha.

Fl-istess perjodu saret is-surgentina tal-fratellanza tar-Ruzarju. Fuqha kien hemm marka tal-konslu tal-perjodu: 1775-1797 u kienet tikkonsisti fl-ittra kbira M b'kuruna maghluqa jew sovrana / rjali fuqha. Illum, din il-marka m'ghadhiex tidher izda lahqet giet dokumentata. Marka ohra fuq din is-surgentina u li ghadha tidher hija dik tal-argentier. Din tikkonsisti fl-ittri kbar GM u hija tal-argentier Gio.Batta Muscat li kien beda l-karriera tieghu bhala argentier f'Settembru tal-1771.

L-istess marka (i.e. GM) tidher fuq il-kalci li jintuza fil-quddiesa pontifikali nhar il-festa titulari. Izda jekk, kif jinghad, dan il-kalci huwa minn tal-kappillan Dun Xand Aquilina (ara BEZZINA 1989: 205), allura ma' setax sar wara l-1744 meta miet dan il-kappillan u, jekk dan huwa l-kaz, il-marka GM fuq dan il-kalci hija tal-argentier Giuseppe Maniscalco Di Andrea li kien ha l-licenzja t'argentier fl-1715.

Fil-bidu tas-seklu 19, sar ghall-fratellanza tas-Sagrament medaljun biex jintlibes mir-rettur tal-istess fratellanza. Dan il-medaljun igib fuqu marka li tikkonsisti fl-ittra kbira R b'dawk li aktarx huma tlitt bocci fuqha. Jekk inhu hekk, din hija marka tal-konslu li kienet tintuza fil-perjodu: 1800-1809. Marka ohra li nsibu fuq dan il-medaljun hija dik tal-argentier u tikkonsisti fl-ittri kbar SA bl-ittri kbar CA tahthom. Din il-marka hija tal-argentier Saverio Cannataci li kien ha l-licenzja t'argentier f'Jannar 1806. Jidher, ghalhekk, li dan il-medaljun aktarx sar bejn l-1806 u l-1809.

Xi zmien wara jidher li sar salib zghir. Dan gieli jitpogga fuq l-artal tal-quddies, specjalment fil-granet tal-Kwaranturi. Dan igib fuqu marka li tikkonsisti fl-ittra kbira F (standard Franciz) b'dik li aktarx hi ras ta' cerv fuqha. Din hi l-marka tal-konslu li kienet tintuza fil-perjodu: 1810-1820. Il-marka tal-argentier hija wkoll ta' Saverio Cannataci bhal dik li nsibu fuq il-medaljun tal-fratellanza tas-Sagrament.

L-argentier Saverio Cannataci hadem iktar xoghlijiet ghall-knisja parrokkjali ta' Sannat. Fost dawn insibu s-satla u l-asperges li, fost okkazjonijiet ohrajn, jintuzaw fit-tberik tal-Ghid. Infatti l-istess marka tieghu li semmejna qabel tidher anke fuq dawn is-satla u l-asperges, ghalkemm l-ittra kbira A ta' fuq u anke ta' taht tidher nieqsa fuq l-asperges,

probabilment incidentalment. Fuq is-satla tidher ukoll il-marka tal-konslu li tikkonsisti fl-ittra kbira M u li kienet tintuza fil-perjodu: 1826-1856. Barra dawn il-marki, hemm ittimbrata wkoll, kemm fuq is-satla u anke fuq l-asperges, is-sena 1830 li fiha kienu saru.

L-istess marki jidhru wkoll fuq iz-zewg lampieri tal-artali ta' San Frangisk u ta' San Pawl li, allura, huma wkoll xoghol tal-argentier Saverio Cannataci. L-unika marka differenti hi dik li turi s-sena. Is-sena ttimbrata fuq dawn iz-zewg lampieri hija 1839 li fiha kienu saru. Kif urejna iktar qabel, il-kappell u l-ktajjen li fil-prezent qeghdin mal-lampier ta' San Pawl ghandhom marki differenti ghax, fil-fatt, m'humiex tieghu. Il-kappell u l-ktajjen ta' dan il-lampier qeghdin, fil-prezent, mal-lampier tal-artal tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Gesu'. Fost is-simboli li naraw fuq dawn iz-zewg lampieri, nsibu simboli relatati ma' San Pawl - fosthom il-lifgha u s-sejf flimkien ma' zewg palmiet - fuq il-lampier ta' San Pawl, u simboli tal-Qalb ta' Gesu' u tal-Qalb ta' Marija fuq il-lampier ta' San Frangisk.

Lampier iehor li aktarx ukoll inhadem mill-argentier Saverio Cannataci huwa dak li dari kien jintrama' quddiem ix-xbieha ta' Gesu' Nazzarenu fil-kappellun tar-Ruzarju. Il-marka tal-argentier li tidher fuq dan il-lampier tikkonsisti fl-ittri kbar SA fejn l-ittri kbar CA li suppost jidhru tahthom aktarx huma nieqsa ncidentalment. Is-sena li hemm ittimbrata fuqu u li fiha sar, aktarx hi 1838. Marki ohrajn fuq dan il-lampier ma' jidhrux, ghalkemm fuqu nsibu simboli relatati mal-passjoni ta' Kristu.

Pissidi kbir u sabih jidher li kien sar ftit qabel dawn it-tlitt lampieri li ghadna kif tkellimna dwarhom. Fuq wicc il-bazi ta' dan il-pissidi jidhru dawn ix-xbihat: l-Arka tal-Patt, it-twavel tal-Ligi, u l-Artal tas-Sagrificcju fl-Antik Testment. Fuq dan il-pissidi nsibu marka tal-konslu li tikkonsisti fl-ittra kbira R (standard Ruman) f'tarka u li hija tal-perjodu: 1826-1856. Nsibu wkoll il-marka tal-argentier li tikkonsisti fl-ittri kbar PC u l-ittra kbira X tahthom lkoll f'tarka. Din il-marka hija tal-argentier Paolo Camilleri li kien ha l-licenzja t'argentier f'Lulju 1833. Fuq dan il-pissidi hemm ittimbrata wkoll is-sena 1836 li fiha kien sar. Dan il-pissidi huwa dak li jissemma f'BEZZINA 1989: 332 fejn jinghad li kien inxtara f'Awissu ta' dik is-sena (i.e. 1836) minghand l-imsemmi argentier.

Xi zmien wara nofs is-seklu 19, il-knisja parrokkjali ta' Sannat kellha censier iehor tal-fidda li, llum, jintuza fil-festa titulari u f'festi principali ohrajn. Mad-dawra esterjuri tax-xifer tieghu nsibu l-kitba: *CONSERVATORIO VINCENZO BUGEJA*. Il-finanzier Vincenzo Bugeja (1820-1890) kien waqqaf fondazzjoni (msemmija ghalih) bl-iskop li

Tigrija Jewellers

**Nazju Sultana**
Proprietor

Level 2, Tigrija Palazz, Republic Street, Victoria, Gozo
Tel: 559324

taghti spinta lill-arti sagra fil-knejjes. Jidher, ghalhekk, li l-knisja parrokkjali ta' Sannat akkwistat dan ic-censier bis-sahha ta' din il-fondazzjoni. Fost il-marki li nsibu ttimbrati fuq dan ic-censier, nsibu marka tal-konslu li tikkonsisti f'salib bi tmien ponot tal-kavallieri ta' San Gwann f'cirku tond. Din il-marka tindika grad medju ta' purezza (tal-fidda) u kienet tinuza fil-perjodu: 1857-1920. Hemm marka ohra fuq il-kappell tac-censier li jidher li tikkonsisti f'tajra wieqfa u thares cass. Din il-marka, ghalhekk, tidher li hija tal-argentier Paolo Busuttil li kien ircieva l-licenzja t'argentier f'Novembru 1857. Jidhru wkoll zewg marki ohra li, pero', m'humiex identifikabbli.

L-istess marka tal-konslu li nsibu fuq dan ic-censier, nsibuha wkoll fuq il-medaljun li kien jintlibes mir-rettur tal-fratellanza tar-Ruzarju. Izda minbarra din il-marka, fuq dan il-medaljun insibu wkoll il-marka tal-argentier li tikkonsisti fl-ittri kbar RC u l-ittra kbira F tahthom lkoll f'tarka. Din il-marka hija tal-argentier Roberto Cannataci Falzon li kien ha l-licenzja t'argentier f'Novembru 1863. Jidhru wkoll zewg marki ohra li, pero', m'humiex identifikabbli. Dan il-medaljun, fil-fatt, kien sar fi zmien il-kappillan (iktar tard, arcipriet) Dun Gio-Andrea Vella (1863-1916) u jissemma f'BEZZINA 1989: 399 f'konnessjoni mal-vizta pastorali tat-8 t'April 1866. Ghalhekk, dan il-medaljun kien sar fil-perjodu: Novembru 1863 - April 1866.

**BIBLIOGRAFIJA:**


APAP BOLOGNA, A. 1995. *The Silver of Malta*. Malta: MAG Publications.
BEZZINA, J. 1989. *Sannat fi Grajjet Ghawdex*. Gozo: Parrocca ta' Sannat.
FARRUGIA, J. 1992. *Antique Maltese Domestic Silver*. Malta: Said International Ltd.


**N.B.**
Bi svista, fil-harga tal-programm tas-sena l-ohra f'pagna 11, nghad li s-surgentina tal-fratellanza ta' Santa Margerita giet imhallsa minn xi benefattur mill-Munxar. Irid jinghad, fil-fatt, li din is-surgentina giet imhallsa minn Mikiel Muscat minn Ta' Sannat, filwaqt li, fl-1931, Guzepp Curmi ghamel il-medaljun tar-rettur tal-istess fratellanza kif tixhed il-kitba fuq in-naha ta' wara ta' dan il-medaljun: *JOSEPH CURMI FECIT A.D. 1931.*


Swan
CARD GALLERY
NOW MORE
FRIENDLY PERSONAL SERVICE
ORIENTI SHOPPING ARCADE
REPUBLIC STR., VICTORIA, GOZO.
